MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2009

Numru. 403/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR FRANS MICALLEF**

**KONTRA**

**CHRISTIAN BONELLO**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Christian Bonello ta’ 22 sena, bin Victor u Rita nee’ Vassallo, mwieled Pieta, nhar it- 2 ta’ Frar 1985, residenti fil- fond 78, Ghajn Dwieli Road, Paola u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 110985(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) Fis- 16 ta' Mejju 2007 f'xi hin wara nofs in- nhar, ikkommetta serq ta' oggetti ghad- detriment ta' sidhom, liema serq huwa kkwalifikat, bil- mezz u bil- valur liema valur huwa aktar minn Lm100 izda anqas minn Lm1000;

2) Ukoll talli fl- istess data, hin u cirkostanzi u fil-granet ta' wara, f'dawn il- Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwista b'reat, sew jekk f' Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

Rat illi t-tieni imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel, u ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha;

Rat illi r-res furtiva giet ritornata mill-imputat, u hu ikkoopera mal-Pulizija fl-investigazzjoni ta' dan ir-reat;

**Ikkunsidrat:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 279, u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------